# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 11 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 429/01**

**Numru 23**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha S. Mifsud & Sons Ltd sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess S. Mifsud & Sons Ltd**

**vs**

**Jesmond Vassallo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u disgha u sittin lira u sitta u sittin centezmu (Lm669.66,0), jew ammonti verjuri li jigu likwidati minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tal-1 ta' Gunju 1999 fl-International Airport, Gudja,

bejn il-vettura numru LGY 080 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru IAT 932 misjuqa minn John Chetcuti u proprjeta' tal-assikurata S. Mifsud & Sons Ltd, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut meta kien isuq kontra one way street.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi Lm5 tal-konsult u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 7 u 15 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-14 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici nomine et is-

somma komplessiva ta' Lm669.66,0 bl-imghax legali mit-2 ta’ Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Mejju 2000 kif ukoll Lm5 ta’ konsult.

Alan Calleja
Deputat Registratur